MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 316/2013

APS **Bank Limited**

**Vs**

**Chanelle Bonnici**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta’ rikorrenti fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ sitt elef, mija u tmienja u disghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€6,198.22) dovuta kwantu ghas-somma ta’ €4994.63 bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Loan Account” numru 20001012761 (Dok A), kwantu ghas-somma ta’ €1053.60 bhala bilanc ta’ debitu ta’ “Loan Account” numru 20001040483 (Dok B) u kwantu ghas-somma ta’ €149.99 bhala bilanc ta’ debitu ta’ Kont Kurrenti (Interest Disposal) numru 20001155057 (Dok C), u dan prevja dikjarazzjoni ta’ din il-Qorti li hija tinsab moruza u inadempjenti u ghalhekk tilfet kull beneficcju tat-terminu.

Bl-ispejjes ta’ din il-kawza u kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali (Numru 2211/13) ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 prezentata fis-17 ta’ Settembru, 2013 u kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju (Numru 2101/13) prezentat fis-17 ta’ Settembru, 2013 kontestwalment mal-imsemmija ittra ufficjali, u bl-imghax legali ulterjuri b’effett mill-1 ta’ Lulju, 2013 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimata mill-lum ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tas-17 ta’ Frar, 2014 il-konvenuta, ghalkemm debitament notifikata, ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta.

Rat li fis-seduta tas-3 ta’ Marzu, 2014, il-konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, ghalhekk it-talba tas-socjeta’ attrici ghandha titqies bhala mistqarra.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, mija u tmienja u disghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€6,198.22) bl-ispejjes ta’ din il-kawza u kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali (Numru 2211/13) ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, prezentata fis-17 ta’ Settembru, 2013 u kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju (Numru 2101/13) prezentat fis-17 ta’ Settembru, 2013 kontestwalment mal-imsemmija ittra ufficjali, u bl-imghax legali ulterjuri b’effett mill-1 ta’ Lulju, 2013 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------